**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta’ April, 2018

Rikors Nru : 93/18 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi hija zzewwget lill-intimat Joseph Gatt fit-tnax ta’ Settembru elf disa' mija tlieta u disghin (12-9-1993) fil-Kappella ta' San Alwigi Birkirkara u dan iz-zwieg ta’ dina l-koppja gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta biss b’att numru elf seba' mija u tlettax tal-elf disa' mija tieta u disghin (1713/1993) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A).
Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Henri Darmanin fis-sbatax (17) ta’ Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012) u

sussegwentament emendat in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono fid-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) - (Kopji annessi Dok B u Dok C).

Illi l-partijiet ghandhom żewġt itfal subien XXXX XXXXX u li fir-rispett taghhom l-intimat jhallas manteniment kif provdut fil-kuntratti ta' separazzjoni hawn fuq imsemmija u m'hemm l-ebda arretrati dovuti sallum.

Illi hija ddiskutiet mal-avukat taghha Dottor Ian Micallef il-possibilta ta' rikonciljazzjoni u nghatat mill-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin (Dikjarazzjoni annessa Dok D), u ikkonkluda li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet, li l-intimat jghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li z-zwieg taghha ma' Joseph Gatt hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2018;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Awwissu 2012;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.